

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 1065/2007**  
**tas-17 ta' Settembru 2007**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 493/2006 dwar miżuri tranżitorji fil-kuntest tar-riforma ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-setturi taz-zokkor**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-setturi taz-zokkor<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħi,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 493/2006 tas-27 ta' Marzu 2006 dwar miżuri tranżitorji fil-kuntest tar-riforma ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-setturi taz-zokkor, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2001 u (KE) Nru 314/2002<sup>(2)</sup> jipprevedi l-irtirar preventiv. Għaldaqstant, meta jinqabeż ċertu limitu, il-produzzjoni ta' kull impriża, li tkun anqas mill-kwota, titqies bħala rtirata fis-sens ta' l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, jew fuq talba ta' l-impriża, li għandha tiġi ppreżentata qabel il-31 ta' Jannar 2007, meqjusa bħala prodotta barra l-kwota fis-sens ta' l-Artikolu 12 ta' l-imsemmi Regolament.
- (2) Fid-data ta' skadenza tal-31 ta' Jannar 2007, il-produtturi ta' l-iżoglukożju, kuntrajament għall-produtturi taz-zokkor, ma kinux f'qagħda li jressqu din it-talba, minħabba n-natura kontinwa tal-produzzjoni tagħhom, matul is-sena kollha. Għall-finijiet ta' l-ekwità, jeħtieġ li l-iskadenza msemmija aktar 'il fuq, titressaq għall-aħħar tas-sena tas-suq 2006/2007 għall-produtturi ta' l-iżogluki.

kożju biex ikunu jistgħu jiddeċiedu u jressqu talba informata.

- (3) Għaldaqstant, jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 493/2006 jiġi emendat.
- (4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaż-Żokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

Fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 493/2006, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit bit-test seguenti:

“1. Għal kull impriża, il-parti tal-produzzjoni taz-zokkor, ta' l-iżoglukożju u tal-ġulepp ta' l-inulina għas-sena tas-suq 2006/2007, prodotta skond il-kwota allokkata skond il-kwoti stipulati bl-Anness IV, li taqbeż il-limitu stabbilit bil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, hija meqjsua bħala rtirata fis-sens ta' l-Artikolu 19 tar-Regolament(KE) Nru 318/2006 jew fuq talba ta' l-impriża ppreżentata qabel il-31 ta' Jannar 2007 għax-zokkor u qabel it-30 ta' Settembru 2007 għall-iżoglukożju, meqjusa *in toto jew in parte* bħala prodotta barra l-kwota fis-sena ta' l-Artikolu 12 ta' l-imsemmi Regolament.”

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-publikazzjoni tiegħi fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Settembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

*Mariann FISCHER BOEL*

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emdat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 247/2007 (ĠU L 69, 9.3.2007, p. 3).

<sup>(2)</sup> ĠU L 89, 28.3.2006, p. 11. Ir-Regolament kif emdat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 739/2007 (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 22).